MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 37

**It-Tnejn, 9 t' Awwissu, 2021**

Il-Laqgħa saret b'mod virtwali fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 37.1 Qari tal-ittri t' apoloġiji

Ma kienx hemm ittri t'apologiji.

## 37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

### 37.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Minuti tas-36 laqgħa ġew approvati unanimament.

## 37.2.2 Korrezzjonijiet

37.2.2.1 – Minuti 36.3.3 - il-kelma "l-infurazar" issir "l-infurzar"
37.2.2.2 – Minuti 36.3.4 - il-kelma "nazzjoniali" issir "nazzjonali"
37.2.2.3 - Minuta 36.4.2 - il-kelma "Aħma" issir "Aħmar"
37.2.2.4 - Minuta 36.5.1 - il-kelma "kwotazzzjonijiet" issir "kwotazzjonijiet"
37.2.2.5 - Minuta 36.6.2 - il-kelma "Kunsll" issir "Kunsill"

## 37.3 Punti mqajjma mill-minuti

**37.3.1** Minuta 36.3.1 - Is-Sindku informa lill-membri li ser issir laqgħa mal-Community Police fis-19 t'Awwissu 2021 fis-2:00pm ġewwa l-bini tal-Kunsill fejn fl-istess laqgħa ser ikun preżenti l-uffiċċjal li jmexxi l-gwardjani lokali.

**37.3.2** Minuta 36.3.3 – Is-Sindku informa lill-membri li fit-22 ta' Lulju skatta il-proċess tal-infurzar tal-Eko-wardens fejn s'issa inħarġu madwar 93 ċitazzjoni fuq skart li qed jintefa' barra b'mod illegali. Dan is-servizz ser jibqa' ġaladarba dan is-servizz qed iħalli l-frott meħtieġ li ma jitkomplix jintefa' skart fit-toroq madwar l-istess lokalita.

**37.3.3** Minuta 36.3.4 - Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn ġejna nfurmati li l-offerant ser jagħti s-servizz tal-Wifi fil-lokalita ser ikunu il-Melita plc. Wara li dawn diġa ġew fuq il-post kien innutat li l-modems iridu jitwaħħlu fuq ġewwa. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li l-aħjar li tinħoloq struttura bħal tal-kaxxi fejn hemm is-CCTV cameras.

**37.3.4** Minuti 36.6.2.1 - Is-Sindku nforma lill-membri li meta fi żmien il-festa ngħalqet Triq il-Kbira San Ġużepp kien hemm inċident tat-traffiku fejn il-persuna li kellha l-inċident bil-karrozza ġarrbet xi ħsarat fejn qed ikun allegat li dan l-inċident seħħ minħabba nuqqas ta' prekawzzjonijiet mill-Kunsill. Is-Sindku rrimarka li fil-ħin imsemmi li sar l-incident kien hemm il-gwardjani lokali preżenti apparti mill-fatt li deher ukoll avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern li t-triq ser tkun magħluqa. Oltre, fejn sar l-inċident, it-triq kienet imdawwla. F'dan ir-rigward il-Kunsill qiegħed jirrifjuta li jħallas dawn l-ispejjeż u għaldaqstant ġiet ikkomunikata din il-pożizzjoni.

**37.3.5** Minuti 36.6.2.3 - Is -Sindku nforma lill-membri li dwar il-ġemellaġġ il-Kunsill skatta l-proċess u saru kuntatt mal-belt t'Ascoli tal-Italja fejn il-kunsill ikkommunika magħhom iżda komunikazzjoni lura kienet għadha ma waslitx.

**37.3.6** Minuti 36.6.2.4 - Is-Sindku talab lis-Sur Dimech u lis-Sur Falzon sabiex jinfurmaw lill-membri tal-Kunsill dwar il-Car Free Day. Wara diskussjoni, ġie deċiż li din l-attivita' issir il-Ġimgħa 24 ta' Settembru 2021 ġewwa Misraħ Santa Venera fejn ser jiġi varat kunċert.

## 37.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

**37.4.1** Is-Sindku nforma lill-membri li Transport Malta qed jawtorizzaw li jsiru "double yellow lines" fuq il-ġnub tal-garaxxijiet, parkeġġi bojod u 5 metri "double yellow lines" fil-kantuniera. Qed isir dan sabiex tiġi ssimplifikata l-burokrazija. Madankollu, TM qed tesiġi li tal-inqas darba f'xahar ikollha d-dettalji kollha ta' dawn l-interventi li jkunu saru.

**37.4.2** Is-Sindku nforma lill-membri li, ir-Reġjun Nofsinhar ser ikun qiegħed jipprovdi servizzi professjonali lill-Kunsill rispettivi. Is-servizzi professjonali ser ikunu jinkludu Uffiċċjal Ambjentali, Uffiċċjal Kulturali, Project Manager. Apparti minn hekk fil-ġimgħat li ġejjin ser ikun ingaġġat ukoll EU Fund Officer.

**37.4.3** Is-Sindku informa lill-membri li l-Perit tal-Kunsill prepara l-pjanti 3D tal-proġett li ser isir fi Pjazza Franka fejn ingħatat attenzjoni fuq dak lir-residenti talbu meta saret il-laqgħa pubblika. Wara diskussjoni ġie deċiż sabiex issir laqgħa pubblika oħra ghar-residenti tal-madwar fil-15 ta' Settembru fis-6:00pm ġewwa l-Kumpless t'Umberto Calosso.

## 37.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera

**37.5.1** Dott. Carabott ġibed l-attenzjoni dwar iż-żona ta' żvilupp ta' uffiċini ta' operat li huma relatati mat-tifi tan-nar flimkien mal-istazzjon tat-tifi tan-nar li ser isir fi Triq il-Kanun. Is-Sindku nforma lil Dott. Carabott li fil-leġislatura preċedenti fl-2018, kien saret oġġezzjoni fuq l-applikazzjoni tal-izvilupp PA10886/18. Wara diskussjoni ġie deċiż sabiex il-Kunsill jinforma lill-Perit tal-Kunsill sabiex issir konsultazzjoni mal-Awtorita tal-Artijiet dwar dan l-iżvilupp.

**37.5.2** Dott. Carabott ġibed l-attenzjoni li ircieva xi lmenti dwar il-*front office* tal-Kunsill u għadaqstant jixtieq li tingibed l-attenzjoni lill-ħaddiema sabiex joffru servizz aħjar lir-residenti minħabba li dan ma kienx l-ewwel ilment li kien irċieva.

## 37.6 Rapporti / Korrispondenza

**37.6.1** Is-Sindku informa lill-membri li CCTV camera li hemm fi Triq il-Parroċċa mhux qed tiffunzjona u hemm bżonn li tinbidel. Wara diskussjoni ġie deċiż sabiex din issir l-istess bħas-CCTVs l-oħra li hemm madwar il-lokalita'.

**37.6.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ircieva korrispondenza bit-titlu "Better Environment" fejn hemm allokati €5M sabiex isiru progetti speċifikament biex jitjieb l-ambjent ta' madwarna. F'dan ir-rigward is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill japplika għall-progett ta' Pjazza Franka.

Il-Membri qablu unanimament

**37.6.3** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva mingħand MHSA sabiex isiru *health checks* lir-residenti tal-lokal. Dawn il-*health checks* jinkludu moniteraġġ tal-pressjoni u moniteraġġ tal-livell taz-zokkor. Wra diskussjoni l-Kunsill qabel sabiex issir diskussjoni ma' Aġenzija Żgħażagħ sabiex naraw jekk dawn il-*Health Checks* jistgħux isiru minn hemm.

**37.6.4** Is-Sindku nforma lill-membri li l-grupp tal-iscouts ta' Santa Venera ħareġ bl-ideja sabiex issir librerija pubblika f'Santa Venera. F'dan il-għan huma jixtiequ li joħorġu

sejħa għar-residenti sabiex jekk ikollhom xi kotba li ma jkunux iriduhom dawn ikunu jistgħu jghadduhom lill-iscouts sabiex b'hekk jibda l-proċess tal-ġbir tal-kotba biex wara dawn il-kotba jkunu jistgħu jghadduhom lill-kunsill għal Librerija Pubblika. Wara diskussjoni l-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta iżda l-problema hi li eventwalment il-Kunsill irid jara x'ser isir mill-kotba in vista li fil-lokalita' librerija m'hemmx u dan minkejja id-diversi attentati li kienu saru fil-passat.

**37.6.5** Is-Sindku informa lill-Membri li l-laqgħat ma kinux qedgħin jiġu streamed live u għaldaqstant inħasset il-ħtieġa sabiex jinġiebu l-kwotazzjonijiet għal da nil-għan. Il-Kunsill, rċieva biss kwotazzjoni waħda mingħand il-Kumpanija AiD fejn l-ispiża għal sena tammonta għal €1770.

Il-Membri qablu unanimament sabiex il-Kunsill jipprocedi b'din il-kwotazzjoni.

**37.6.6** Is-Sindku nforma lill-membri li dwar l-egħluq u l-ftuħ tal-ġonna l-Kunsill iriċieva biss mingħand żewġ għaqdiet, tan-Nar u tal-Banda, li urew l-interess tagħhom. Is-Sindku qal li hu ma jixtieqx li jipparteċipa f'din id-diskussjoni. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex dawn ikunu responsbbli li jgħalqu l-ġnien sena kull wieħed kif ġej:

- Għaqda Filarmonika Santa Venera mill-1 ta' Settembru 2021 sal-31 t'Awwissu 2022
- Għaqda tan-Nar 26 ta' Lulju mill-1 ta' Settembru 2022 sal-31 t'Awwissu 2023

**37.6.7** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza dwar il-*European Week of Sport* fejn qed ikun hemm promozzjoni fuq l-importanza tal-isports fil-ħajja ta' kuljum irrelevanti l-eta'.

Wara duskussjoni l-Kunsill qabel li jorganizza sezzjoni taz-Zumba u tournament tal-Boċċi. Is-Sur Kursten Dimech ser jorganizza dawn l-attivitajiet.

**37.6.8** Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva talba sabiex jintrama Hoarding Wall fi Triq Misrah il-Barrieri k/m Triq Regjonali sabiex jissaħħah il-pedament minħabba li il-binja qedgħha fuq barriera. Huwa kompla billi qal li biex jinbena dan il-hajt wisq probabli ser jittiehdu xi 5 parking spaces. Dan il-ħajt huwa maħsub li ser jdum madwar tmien xhur.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament li nibghatu l-Perit tal-Kunsill minħabba periklu li jista; jkun hemm għar-residenti u nimxu fuq il-parir tiegħu. Oltre irid jiġi assigurat li l-kuntrattur irid jagħmel tajjeb għal kull parkin space li ser ikun ser jiġi effetwat.

**37.6.9** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva talba mingħand Is-Sa Cressida Galea li hija kandidata f'isem il-Partit Laburista għall-elezzjoni ġenerali li jmiss, fejn qed titlob sabiex nhar it-3 ta' Settembru tkun tista' tuża Ġnien Romeo Romano sabiex tagħmel attivita'.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament li ma jsibux oġġezzjoni sabiex is-Sa Galea torganizza din l-attivita' galadarba timxi mal-linji gwida tal-Kunsill, iżżomm il-post nadif u tieħu l-prekawzjonijiet skont il-protocols tad-Dipartiment tas-Saħħa.

**37.7 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

**37.7.1 Tender tal-Knis - Draft tal-Kuntratt**

Is-Sindku staqsa lill-membri jekk kienu qraw id-draft tat-tender li kien intbgħatilhom bl-imejl. Wara diskussjoni fuq dan id-draft il-membri qablu li hemm bżonn li jiżdiedu xi definizzjonijiet u site plans. Il-Membri qablu fuq 3 proposti:

1. Ikun atwat it-tender kif inhu jew,
2. Tender ikun maqsum fi tnejn knis għalih u qutgħ ta' ħaxix ħażin u ġbir t'annimali mejta u tbattil ta' bins jew,
3. Tender ikun tal-knis biss u jkun ingaġġat ħaddiem mal-kunsill li jkun responsabbli mill-qtugh tal-ħaxix ħażin u tal-ġbir t'annimali mejta.

Wara li tkompliet id-diskussjoni fuq dawn it-tlett proposti, l-Kunsil qabel duq it-tieni proposta li t-tender ikun maqsum fi tnejn knis għalih, filwaqt li l-qtugħ ta' ħaxix ħażin, ġbir t'annimali mejta u tbattil ta bins ikunu f'tender separat.

Hekk kif inhu stipulat fil-liġi l-ħin tal-laqgħa kien skada u għaldaqstant il-Kunsill iddecieda sabiex din il-laqgħa titkompla f'data oħra.

Il-laqgħa intemmet fl-9.30 pm u ġiet aġġornata sabiex titkompla t-Tnejn 23 t'Awwissu 2021, fis-6.30pm

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum 27 ta'Settembru, 2021